Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 11 ta' Gunju 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Chantelle Casha)**

**Versus**

**Denise Deguara**
**(162989M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Denise Deguara** detentrici tal-karta tal-identita' numru 162989M.

Akkuzata talli nhar l-1 ta' Frar 2018 minn gewwa r-residenza 263, Arcadia, Triq Haz Zabbar, Fgura u/jew f'dawn il-gzejjer :

1. Ikkommettiet serq ta' gojellerija u/jew oggetti ohra li l-valur totali taghhom jeccedi l-€232.94 izda ma jeccedix l-€2,329.37 ghad-detriment ta' Spiridiona Cioffi mill-Fgura u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-valur u l-persuna ai termini tal-artikoli 261(c),(d), 267, 268(a)(d) u 279(A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess cirkostanzi, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu

mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat il-Kunsens moghti mill-Avukat Generali datat 27 ta' Marzu 2018, sabiex din il-kawza tinstema' bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat is-Social Enquiry Report.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehdet l-*parte civile* Spiridiona Cioffi fejn qalet illi kienet ghamlet rapport mal-Pulizija, illi fi Frar 2018 sabet hamest icrieket tad-deheb neqsin, wara li kienet marret biex tnadfilha d-dar l-imputata, li gharfet fl-awla u li dan sehh f'xi granet qabel li kien il-Hamis. Hi kienet indunat il-Hadd ta' wara, ghax kienet sejra ghand it-tifla u x'hin marret biex tilbes ic-crieket ma' sabithomx f'posthom u bdiet tibki ghax kienu antiki u sentimentali. Ix-xhud spjegat illi wiehed kien ic-curkett tal-engagement, l-iehor eternity ring li kien xtralha r-ragel meta kellhom l-ewwel tarbija, iehor kien t'ommu, u kellha iehor tal-mama taghha, u iehor bil-gawhra bajda. X'hin mar ghaliha r-ragel tat-tifla u sabha inkwetata, bdew ifittxuhom fid-dar izda ma sabuhomx. Ix-xhud qalet illi hi marret taghmel rapport l-ghassa tal-Fgura, fejn qaltilhom li kienet marret helper l-ewwel darba ghandha u l-Pulizija wrewha ritratt minn fuq il-kompjuter, u hi qaltilhom li dik kienet. Ix-xhud kompliet tghid illi l-imputata kienet nadfitilha l-kamra tas-sodda taghha, fejn kienet izzomm ic-crieket u ma kien dahal hadd iehor fil-kamra tas-sodda warajha, ghax hi tghix wehidha. Ix-xhud ipprezentat erba' dokumenti mmarkati Dok DD1 sa DD4[1] li huma ritratti li kien sabhomlha t-tifel, fejn jidhru ftit mic-crieket u stima li kien ghamlilha Pawlu tad-deheb ta' hdejha li kitibhielha hu. Fil-

[1] Fol. 9 et seq

kontro ezami ix-xhud qalet, illi l-istima Pawlu ghamilha minn fuq ir-ritratti li ezebiet fil-Qorti, fejn jidhru erba' crieket fuq subgha wiehed fir-ritratt DD1 u kienet tilbes iehor fuq l-id l-ohra, u spjegatlu li c-curkett li kien bil-fjura kien antik ghax ma jidhirx fir-ritratti.  Ix-xhud qalet illi lil Pawlu ma spjegatlux x'karat kellu d-deheb.

Illi xehdet l-iSpettur Chantelle Casha fejn qalet illi fit-8 ta' Jannar 2018, kien dahal rapport l-ghassa tal-Fgura, fejn instabu hames crieket tad-deheb neqsin mir-residenza ta' Spiridiona Cioffi wara li kienet marret tnaddfilha cleaner l-ewwel darba, u li din kienu baghtuha tal-Healthmark nhar ta' Hamis. Il-Hadd ta' wara x'hin l-*parte civile* marret tilbes ic-crieket ma sabithomx f'posthom. Huma kienu ghamlu kuntatt mal-Manager tal-Healthmark li nfurmahom illi Denise Deguara kienet il-cleaner li marret tnaddaf ghand is-sinjura. Is-sinjura Cioffi wahhlet fil-cleaner li hadet dawn ic-crieket, ghax ma kien jidhol hadd ghandha hlief familjari, u ma kien dahal hadd fil-kamra tas-sodda wara li kienet nadfitha l-cleaner. Ix-xhud kompliet tghid illi l-*parte civile* ma kinitx ghamlet ir-rapport mill-ewwel, ghax ma setghetx temmen li kienet serqitha ghax kienet vera nice maghha, u ghalhekk kienet ghamlet ir-rapport fit-8 ta' Frar 2018. Ix-xhud qalet illi hi baghtet ghal Denise Deguara, li gharfet fl-awla bhala l-imputata,  fl-istess gurnata, fejn wara li rrifjutat li tkun assistita b'avukat, ghall-ewwel innegat li setghat hadet ic-crieket hi, izda aktar tard irregistrat ammissjoni fejn qalet li kienet hadithom mill-kamra tas-sodda u dahlithom fil-but. L-imputata qaltilha illi dakinhar stess marret ghand il-Gold Market u sarrfet dawn ic-crieket, fejn inghatat il-valur ta' €210. Ix-xhud ghamlet kuntatt ma' Silvio Mizzi, proprjetarju ta' Gold Market, fejn qal illi kien ser jiccekja forsi ma kienux ghadhom gew imdewwba, izda 'l ghada infurmaha li lahqu gew imdewba, u kkonferma illi kien hallas lil Denise Deguara xi €200 ghal dawn ic-crieket. Ix-xhud kompliet tghid illi ghalhekk kienu inhargu akkuzi fil-konfront ta' Denise Deguara, u pprezentat kopja tar-rapport li gie mmarkat Dok DD5[2],  dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali Dok DD6[3] u l-istqarrija ta' Denise Deguara bil-firma taghha u ta' WPC74 immarkat Dok DD7[4]. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonfermat li tal-Gold Market kien ikkonferma li kien hallas lill-imputata madwar €200 u li dan kien ser jixhed.

[2] Fol. 13
[3] Fol. 18
[4] Fol. 19

Illi xehed Silvio Mizzi fejn qal illi jahdem ma' missieru fil-Gold Market, gewwa H'Attard, u kkonferma li Denise Deguara, li gharaf fl-awla, kienet marret tbiegh xi crieket tad-deheb fil-hanut taghhom u hu kien hallasha madwar €200. Fil-kontro ezami ix-xhud jghid illi hu jasal ghal valur skond il-prezz tad-deheb ta' dik il-gurnata, skond il-piz u x'tip ta' karat. Hu jidhirlu illi d-deheb kien 18 il-karat. Hu spjega illi tmintax il-karat huwa tlett kwarti deheb u kwart metall u ghalhekk il-prezz jinhadem biss fuq id-deheb ghax il-metall ma jitqiesx. Jekk ikun hemm hagar mhux prezzjuz ma jittihidx u jitnaqqas mill-piz, u jekk ikun prezzjuz jigi stmat separatament. Hu deherlu li l-hagar li kien hemm kien hgieg u mhux prezzjuz. Il-valur ta' €200 kien tad-deheb, ghax jekk kien hemm hagar prezzjuz il-valur kien jitla' hafna izjed.

Illi xehed Mark Grech, fejn qal illi kien ilu General Manager mal-kumpanija Support Services Ltd li hija parti mill-grupp Healthmark, mill-11 ta' Gunju 2018. Ix-xhud qal illi Denise Deguara iffirmat kuntratt ta' home helper mal-Healthmark fit-28 ta' Novembru 2017 u li gie tterminat fl-14 ta' Frar 2018. Skond ittra ffirmata minn Reuben Sciberras, li kien Human Resources Manager, datata 14 ta' Frar 2018, dan l-impjieg gie tterminat minhabba Gross Misconduct, wara li Denise Deguara ammettiet mal-Head of Community Services waqt Disciplinary Hearing li kienet serqet minghand klijenta. Ix-xhud ipprezenta Dok DDX1[5].

Illi fit-28 ta' Frar 2019 xehed PS 1480 Sandro Mallia, fejn qal illi fit-8 ta' Frar 2018 kienet marret l-ghassa tal-Fgura Spiridiona Cioffi tirraporta li insterqulha xi crieket mir-residenza taghha. Hi kienet izzomm ic-crieket li kienu ta' valur sentimentali fis-spare bedroom f'ornament forma t'id. Fl-4 ta' Frar 2018, kienet sejra ghand it-tifla taghha u x'hin marret biex tilbes ic-crieket ma sabithomx. Hi qalet li fid-dar ma jidhol hadd hlief bintha. Minn stharrig li ghamlu rrizulta illi kienet marret tnadfilha persuna bl-isem Denise Deguara li kienet tahdem mal-kumpanija Healthmark, u hu informa lill-iSpettur Casha li talbet sabiex tkellem lil Denise Deguara. Hu qatt ma kellem lil Denise Deguara jew mar fir-residenza ta' Cioffi. Ix-xhud pprezenta r-rapport mmarkat Dok DDX1.

Illi xehdet Svetlana Farrugia in rapprezentenza ta' Healthmark, fejn qalet illi bhala kumpanija jiehdu hsieb home helpers u carers fid-djar tal-anzjani. Hi kienet kellmet lil Denise Deguara fuq it-telefon, li gharfet fl-

[5] Fol. 31

awla bhala l-imputata, u waqt it-telefonata Denise qaltilha li kienet hadet xi jewellery mid-dar ta' persuna anzjana, izda ma tiftakarx x'kien jisimha l-anzjana. Ix-xhud kompliet tghid illi lil Denise sejhitilha sabiex tigi l-ufficju fejn saret laqgha, fejn kien hemm ukoll prezenti Reuben Sciberras li kien HR Manager dak iz-zmien, u hi regghet staqsiet lil Denise jekk haditx xi oggetti mid-dar ta' l-anzjana. Denise regghet ikkonfermat li kienet hadet xi jewellery li tahseb li kienu crieket, fejn huma taw lil Denise l-ittra fejn infurmawha illi l-impjieg taghha gie tterminat, pprezentat u mmarkat bhala Dok SF1.

Illi xehdet WPC Lorna Panzavecchia, fejn qalet illi fit-8 ta' Frar 2018, kienet l-ghassa tal-Fgura meta dahlet Spiridiona Cioffi mara anzjana, tirraporta li sabet hamest icrieket tad-deheb neqsin, izda li ma kinitx taf il-valur taghhom ghax kienu antiki u fosthom kellha curkett tal-engagement. Hi kienet izzommhom f'ornament forma ta' id fl-ispare bedroom u l-ahhar li wzathom kien fit-28 ta' Jannar 2018. Hi qaltilhom li tghix wehedha id-dar u ma jidhol hadd lanqas tal-familja, ghax hi tmur ghand it-tfal u mhux huma jmorru ghandha. L-parte civile qaltilhom illi hi kellha cleaner mibghuta mill-Healthmark, li kienet tmur ghandha u li kienet l-istess wahda fl-ahhar , ghalkemm fl-ahhar hmistax kienet marret ohra jisimha Denise Deguara. Ix-xhud qalet illi hi nfurmat lis-Surgent u l-iSpettur Casha, u ghamlet kuntatt mal-Healthmark fejn kellmet lil Jacqueline Bonnett u kellmet ukoll lill-Manager Charlo Farrugia. Ix-xhud gharfet lil imputata minn ritratt fuq is-sistema tal-Pulizija, wara li kienu tawha d-dettalji taghha tal-Healthmark, ghax qatt ma ratha personalment. Ix-xhud ikkonfermat li Dok. DDX1 kien ir-rapport maghmul minnha.

Illi xehed Paul Carabott, fejn qal illi huwa ghandu hanut tad-deheb il-Fgura fejn kienet marret is-sinjura Cioffi, u wrietu ritratti ta' crieket u talbitu stima taghhom ghax kienu serquhomlha. Ix-xhud ikkonferma li l-kontenut kienu dawk li jidhru fir-ritratt li hemm minn *fol.* 9 sa *fol.* 12 ghalkemm ir-ritratti kienu izghar. Ix-xhud qal illi l-*parte civile* ma qaltlux li kienu crieket antiki u hu kien stmajhomlha ibbazat fuq l-esperjenza tieghu ta' 55 sena, u kkonferma li l-istima tieghu kienet dik li kien hemm *a fol.* 12 . Hu kien stmahom €1,045 valur ta' dakinhar, u mir-ritratt seta' jinduna kemm jiswew u ta' xiex kienu maghmulin.

Illi fl-24 ta' Marzu 2022 xehdet Rhona Agius Custo, wara li giet nnominata sabiex thejji Social Inquiry Report fil-konfront ta' Denise Deguara li

pprezentat, u gie mmarkat Dok RAC1[6]. Illi x-xhud qalet illi Denise Deguara qaltilha li kellha relazzjoni tajba mal-genituri u ma' ohtha, izda ma xtaqitx li hi tkellimhom, ghax huma ma kienux jafu dwar dawn il-proceduri u kellha relazzjoni tajba mar-ragel taghha. Hi kellha fedina penali netta u kellha hajja stabli u kienet biezla, tant illi tahdem kemm full time kif ukoll part time. Ix-xhud qalet illi jkun ta' beneficcju ghall-imputata jekk jkollha ghajnuna psikologika biex tkun tista' tiftah qalbha dwar xi diffikultajiet u l-esperjenzi taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet waqt l-istqarrija li tat lill-Pulizija, li kienet serqet dawn ic-crieket u li kienet hadithom ghand il-Gold Market fejn inghatat l-ammont ta' €210 ghalihom, kif ukoll ikkoperat mal-Pulizija. Illi s-Sur Silvio Mizzi, tal-Gold Market ikkonferma illi kien hallas madwar €200 ghac-crieket li kien xtara minghand l-imputata li gharaf fl-awla, u dan skond il-piz, il-karat u l-prezz tas-suq ta' dakinhar. Min-naha l-ohra il-*parte civile* kienet gabet stima minghand Paul Carabott li kkonferma quddiem il-Qorti li kien ghamel dik l-istima minn fuq ir-ritratti li gie muri, u din kienet ibbazata fuq l-esperjenza tieghu ta' 55 sena. Illi stante li l-istima maghmula minn Paul Carabott kienet ibbazata biss fuq ritratti tac-crieket li dan gie muri, din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq l-ammont li nghata minnu, u ghalhekk din il-Qorti ser tistrieh fuq il-valur ta' €210 ghal finjiet ta' piena. Ghalhekk l-aggravju tal-valur ma giex sodisfacentament ippruvat.

Illi wara li rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali, semghat ix-xhieda u rat is-Social Enquiry Report, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputata gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Arikolu 7, 261(d), 268(a)(d), 281(a) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata Denise Deguara **hatja** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontriha u ai termini tal-**Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.**

---

[6] Fol. 104 et seq

Illi inoltre ai termini **ta' l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-**hatja Denise Deguara sabiex fi zmien xahar (1) mill-llum tghaddi l-ammont ta mitejn u ghaxar Euro (€210) lil *parte civile* Spiridiona Cioffi.**

Illi fil-kawza odjerna ma gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemm l-ebda spejjez x'jithallsu mill-imputata.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**